# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1796/99 NA**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**Doreen Dimech u Rita Cauchi bhala eredi ta' Emanuel Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-5 ta' Awissu 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-attur hallas is-somma ta' elf, wiehed u hamsin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm1051.11,0) indebitament lil Emanuel Pace, illum mejjet (Dokument "A"), stante illi hu kien ta informazzjoni zbaljata lill-istess Dipartiment, ghall-perjodu

bejn is-16 ta' Dicembru 1989 u l-1 ta' April 1994 kif jidher mill-anness Dokument "B";

Illi l-konvenuti huma l-werrieta tieghu skond it-testment hawn anness u mmarkat Dokument "C";

Illi l-ammont imhallas indebitament huwa issa dovut minnhom;

Illi l-konvenuti ghalkemm debitament interpellati sabiex jirrifondu dan l-ammont huma baqghu inadempjenti;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tikkonferma li l-ammont ta' elf, wiehed u hamsin lira Maltin, u hdax-il centezimu (Lm1051.11,0) gie mhallas indebitament bhala pensjoni ta' min jirtira lil Emanuel Pace, illum mejjet;

2. tiddikjara li l-konvenuti huma l-werrieta ta' Emanuel Pace u ghaldaqstant responsabbli ghar-rifuzjoni lill-attur tas-somma mitluba;

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' elf, wiehed u hamsin lira Maltin, u hdax-il centezimu (Lm1051.11,0) li mhallsa indebitament lil Emanuel Pace u li issa hi dovuta minnhom bhala werrieta tieghu kif hawn fuq spjegat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-28 ta' Settembru 1995 u tat-13 ta' Awissu 1996 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti tad-9 ta' Frar, 2000 fejn eccepew illi:

"Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 105 (1) (ii) u skond l-Artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur irid jipprova tali hlasijiet zejda;

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti l-attur imissu talab lill-beneficjarju kwalsiasi hlas zejjed u mhux ittraskura b'dannu ghall-konvenuti;

Illi l-konvenuti ma hadu l-ebda beneficcju mill-wirt ta' missierhom u m'ghandhomx ibatu ghaliex l-attur kien traskurat fil-gbir ta' hlasijiet zejda;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Il-kawza kienet giet differita ghas-26 ta' Gunju 2000 biex tigi ttrattata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, dik tal-preskrizzjoni. F'dik is-seduta l-eccezzjoni giet ittrattata u gie vverbalizzat:

> "*L-ewwel eccezzjoni preliminari giet trattata w il-kawza tibqa' differita ghas-sentenza ghall-20 ta' Ottubru 2000, fuq din l-eccezzjoni bil-fakolta' moghtija lill-konvenuti li jitolbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex ikunu jistghu jaghtu eccezzjoni ulterjuri a bazi tal-preskrizzjoni fuq xi artikolu iehor tal-ligi apparti minn dawk gia minnhom ikkwotati.*"

B'nota tas-6 ta' Ottubru 2000 il-konvenuti ndikaw l-Artikolu 102 (ii) ta' l-Att Dwar is-Sigurta' Socjali apparti mill-Artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat:-

Illi ghal diversi ragunijiet li sejrin jinghataw f'din is-sentenza din is-sentenza ma tistax tkun hlief wahda parzjali anke fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni.

Effettivament:

(i) Ma saret ebda prova dwar l-ittri ufficjali mensjonati mill-attur fic-citazzjoni tieghu u jekk dawna gewx notifikati u, f'kaz, meta. Din il-prova hija wahda essenzjali ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza nonostante illi dan il-punt ma giex sollevat mill-konvenuti;

(ii) Il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-applikabbilita' o meno ta' l-Artikolu 102 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz fejn ir-rifuzjoni ta' dak allegatament indebitament imhallas qed jintalab lura mill-eredi u mhux mill-beneficjarju. Hija waslet ghall-konkluzzjoni li gialadarba qed issir din it-talba kontra l-eredi huma ghandhom ukoll jinghataw il-beneficcju tal-moghdija taz-zmien li kieku kien jinghata lid-decujus fil-hajja

tieghu u dana b'riferenza ghal-proviso ta' l-Artikolu 102 (ii) li jipprovdi: "*... izda hekk illi fi kwalunkwe kaz id-Direttur ma ghandu jkollu ebda dritt li jaghmel kull tnaqqis bhal dak kif imsemmi f'dan il-paragrafu dwar hlasijiet zejda, li jkunu saru qabel il-perjodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-hlas zejjed irrispettivament mill-perjodu li ghalih dak il-hlas zejjed jirreferi.*" Dan il-proviso pero' jirrikjedi l-prova ta' meta d-Direttur ikun sar jaf, prova li trid tigi mressqa mill-istess Direttur ghas-sodisfazzjon tal-Qorti;

(iii) Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija kostanti fis-sens illi l-istitut tal-preskrizzjoni u l-Artikoli specifici dwar dan l-istitut fil-Kodici Civili ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva u dan peress illi, ta' spiss, jinnegaw dritt ta' azzjoni li hija nonostante moralment ghadha dovuta. Ezami ta' l-Artikolu 2149 (e) jindika li dan is-sub-inciz ma huwiex applikabbili ghall-kaz prezenti peress illi l-azzjoni odjerna m'hijiex wahda minn dawk imsemmija f'dan is-sub-artikolu. Mhuwiex skontat illi japplika xi artikolu iehor pero' dan jispetta lill-konvenuti biex jeccepuh. In ogni caso dawn it-tip

ta' eccezzjonijiet jirrikjedu l-prova msemmija fl-Artikolu 2160 (2) ta' l-istess Kodici Civili.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija din il-kawza tibqa' differita ghall-provi kollha tal-partijiet u, jekk ikun il-kaz, ghat-trattazzjoni ulterjuri qabel ma anke l-ewwel eccezzjoni ista' finalment tigi deciza.

L-ispejjez huma ovvjament riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.